# Nikkorreġu l-Istorja



kitba ta' Saviour DIMECH

Nhar it-28 ta' Marzu 1986, fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Mosta ħadu sehem tliet baned.[1] Dawn kienu l-Banda La Vittoria tal-Mellieħa li mxiet quddiem l-istatwa tat-Tradiment ta' Ġuda, il-Banda Nicolò Isouard li żammet il-post tradizzjonali tagħha quddiem il-Vara l-Kbira, u Banda oħra quddiem il-Veronika. Din kienet il-Banda Santa Marija tal-Mosta - Banda ġdida li għamlet l-ewwel dehra tagħha fil-pubbliku propju dakinhar u li mbagħad ġiet imwaqqfa uffiċjalment fid-9 t'Awwissu ta' l-istess sena.[2]

Meta f'Ottubru 1996, is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard iċċelebrat il-125 sena tal-ħajja tagħha, kien ġie ppubblikat ktejjeb bl-istorja fil-qosor tas-Soċjetà. Jiena kont irreferejt għal din il-ġrajja li semmejt aktar 'l fuq b'din is-silta:

*Meta kollox (fis-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard) kien fl-aqwa tiegħu xi soċi, l-aktar dawk li kienu dilettanti tan-nar tal-festa, ngħaqdu ma' numru żgħir ta' bandisti li kienu ħallew lis-Soċjetà Nicolò Isouard fis-snin ta' qabel u dawn, flimkien ma' xi rġiel oħra, issieħbu fil-Każin Santa Marija, li f'dik il-ħabta kien iservi bħala każin soċjali għal numru żgħir ta' membri. Dawn in-nies iddeċidew li jerġgħu jwaqqfu l-Banda Santa Marija... ...Il-kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard mill-ewwel qabel li jimxi fit-triq tal-koperazzjoni mal-Banda Santa Marija u jevita kull pika biex ma jiġrix bħalma kien sar tmenin sena qabel.*[3]

F'Awwissu 2005, is-Soċjetà Filarmonika Santa Marija ċċelebrat l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha. F'din l-okkażjoni ġie ppubblikat 'Ex Annalibus Mustæ' - ktieb interessanti bl-ewwel żewġ taqsimiet jittrattaw l-istorja tal-Każin Santa Marija. Fit-tieni taqsima J.J. Camilleri jikteb dwar it-twaqqif mill-ġdid tal-Banda Santa Marija fl-1986 u hemm din is-silta:

*...Inxtraw għadd ta' strumenti tal-banda u kien hemm sponsors għall-marċi. Kienu daħlu 88 membru ġdid. Il-kumitat u għadd ta' partitarji wrew ħeġġa, u kien apprezzat fosthom is-sehem tas-sur Nazzareno Vassallo li ħadem bis-sħiħ biex titwaqqaf il-Filarmonika. Inqala' disgwid bejn iż-żewġ Każini lokali kif turi l-ittra tas-16 ta' Lulju 1985. Kienet saret stedina lill-Każin Nicolò Isouard għat-13 t'Awwissu, għall-okkażjoni tal-festa ta' l-Assunta. It-tweġiba turi li dik tqieset stedina fiergħa u li tesprimi sentimenti ipokriti u għalhekk ma ġietx aċċettata. Saru akkużi ta' serq ta' bandisti.*[4]

Meta wieħed jaqra dawn iż-żewġ siltiet jitħawwad. Waħedha tiġi l-mistoqsija: Kif jista' jkun li ż-żewġ siltiet li suppost qegħdin jirreferu għal l-istess ġrajja jidhru daqstant kontradittorji? U m'aħniex naqblu fuq ġrajja li ġrat biss għoxrin sena ilu, meta ħafna mill-protagonisti ta' din l-istess ġrajja għadhom mimlijin bil-għomor. L-istagħġib jiżdied aktar u aktar meta wieħed iqis li l-awturi ta' dawn is-siltiet kellhom kariga għolja fi ħdan is-Soċjetà li jhaddnu - jiena li kont nokkupa l-kariga ta' Segretarju fis-Soċjetà Nicolò Isouard u J.J. Camilleri li kien Viċi-President fil-Każin Santa Marija għal diversi snin. Ma rridx niftiehem ħażin. M'hinix ngħid li dak li nkiteb m'huwiex minnu, iżda l-mod kif ġew ippreżentati l-affarijiet joħloq stampa mċajpra għall-aħħar bir-riżultat li l-istorja tiġi tiftiehem ħażin. U dan li jinkwetani. Ma nistgħux nippermettu li l-istorja tal-Mosta tista' tiġi nterpretata ħażin mill-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu. Għalhekk huwa mportanti li niżvelaw dak kollu li hemm moħbi wara dawn iż-żewġ siltiet.

## Kif Niftakar il-Każin Santa Marija

Immorru ftit lura. Fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor, jiena għixt żogħżiti. Għixt bejn il-ħmistax u l-ħamsa u għoxrin sena ta' ħajti. F'dawk is-snin kont attiv fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù u ma kont midħla ta' l-ebda każin. Iżda peress li kont noqgħod ftit 'il fuq mill-Każin Santa Marija u fuq l-istess bankina, kull meta kont ninżel sal-pjazza għal xi raġuni jew oħra, kont ngħaddi minn quddiem dan il-każin. Bħala żagħżugħ li kien jinteressani dak kollu li jiġri fil-Mosta, kont ninnota minn barra dak li jkun qed jiġri fil-Każin Santa Marija wkoll.

Matul il-ġranet tal-ġimgħa, il-Każin kien jinżamm magħluq matul in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu. Kien jiftaħ fil-għaxija għall-ħabta tat-tlieta u nofs jew għall-erbgħa ta' wara nofs inhar. F'dawk il-ħinijiet il-Każin kien ikun mitfi, pjuttost ftit mudlam. Bil-qegħda biswit il-bieb ta' barra kien ikun hemm tnejn jew tlett irġiel, kollha avvanzati fl-età, bil-gazzetta 'Il-Berqa' f'idejhom. It-tnejn li l-aktar li kont nara kienu Ġużepp Vella - li kien joqgħod ftit l-isfel minna fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u Ġamri Vella - li kien joqgħod fil-pjazza, quddiem il-

knisja. Ġieli kien ikun hemm ċertu Valent, li ma nafx x'kien kunjomu. Aktar tard fil-għaxija, l-attività fil-każin kienet tiżdied xi ftit wara li l-barman kien jiftaħ il-bottegin. Iżda l-irġiel li kien ikun hemm fil-każin kont dejjem tgħoddhom fuq is-swaba ta' jdejk. Il-Ħadd fil-għodu l-folja kienet tinqaleb. Kien ikun hemm aktar nies. Ġieli qabżu l-għoxrin, u kien hemm fosthom min joqgħod barra fuq il-bankina. Kienu kollha rġiel ta' età u kollha puliti, bil-ġlekk u bl-ingravata. Kienu rġiel serji, ta' l-affari tagħhom u minn diskorshom tinduna li kienu akkaniti għall-Mosta. Il-Każin Santa Marija kien għalihom il-veru post tal-mistrieħ fejn kienu jiltaqgħu ma' ħbiebhom u jgħidu kelmtejn waqt li jieħdu xi tazza tè. Minn dawn in-nies wieħed ma kienx jista' jistenna xi attivitajiet speċjali. Iżda ta' kull sena kienu jieħdu sehem attiv fil-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù meta kienu jakkumpanjaw bl-akbar pompa wara l-Bandalora tal-Każin - kienu jkunu numerużi. L-istess kien jiġri meta nhar il-Ġimgħa l-Kbira, kienu jorganizzaw il-Viżti tas-Sepulkru.

Ħafna drabi, il-Ħadd fil-għodu, il-Każin Santa Marija kien jieħu arja oħra. Kienet tibda tinħass attività akbar. Tara ħafna familji deħlin il-każin. Nisa bil-kappell, irġiel liebsin ġulit, uħud minnhom bil-qronfla fuq il-pavru tal-ġlekk, tfal mal-ġenituri tagħhom, u tisma' d-daqq ferrieħi li b'ritmu qawwi ħiereġ mill-każin. Għax is-sala ta' fuq kienet tinkera għat-tiġijiet. Fis-snin sittin, il-Każin Santa Marija kien imfittex ħafna għat-tiġijiet. Aktarx li d-domanda kienet żdiedet għax f'Jannar 1958, id-dar ta' Gerit tal-Biskuttini kienet twaqqet mill-gvern biex issir il-pjazza ta' ħdejn il-knisja. Id-dar ta' Gerit kienet ideali għat-tiġijiet għax kienet bieb l-għatba mal-knisja.[5] Imma la waqqgħuha ma setgħetx tintuża aktar u dan serva ta' barka għall-Każin Santa Marija għax barra li t-tiġijiet kienu jsiru hemm, kienu qajmu l-każin, u kienu jħallu wkoll qligħ finanzjarju għal l-istess każin.

Lejn l-aħħar tas-snin sittin u fis-sebgħinijiet, jiena u xi żgħażagħ oħra ntrigajna biex narmaw għall-festa ta' Santa Marija. Għall-ewwel konna taħt id-direzzjoni ta' Pawlu Bartolo (Ta' Spir). Imbagħad ħadna rajna f'idejna. Konna ddeċidejna li nerġgħu narmaw il-kuruna l-kbira li kien ilha ma tintrama. Biex narmawha kien hemm bżonn li jsir vent ta' l-azzar minn fuq il-bejt tal-Każin Santa Marija għal fuq id-dar ta' faċċata - li f'dak iż-żmien konna nsibuha bħala "Ta' Danjeli".[6] L-ewwel darba li tlajna fuq il-bejt tal-Każin Santa Marija kien ġie jiftħilna u tela' magħna Manwel Gatt, membru tal-Kumitat tal-Każin Santa Marija. Maż-żmien Manwel beda jagħtina ċ-ċwievet u konna nitilgħu waħedna. B'riħet il-kuruna, jiena u Manwel sirna ħbieb. Kien isellimli minn seba' mili bogħod u baqa' jkellimni sa ma miet fl-4 t'April 1998. Il-fatt li tlajt fuq il-bejt tal-Każin Santa Marija kien l-ewwel konnessjoni tiegħi ma' każin fil-Mosta. L-istess okkażjonijiet servew biex sirt naf eżatt l-istruttura ta' dan il-każin.

F'Settembru ta' l-1969 issieħibt fil-Każin tas-Soċjetà Nicolò Isouard bħala alliev u ħriġt indoqq għall-ewwel darba fil-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù ta' l-1970. F'April 1972 għamluni Segretarju.

Fis-sebgħinijiet, il-Każin Santa Marija baqa' bl-istess direzzjoni tas-snin sittin. Iżda l-membri komplew jonqsu għax peress li kollha kienu anzjani, ma kinitx darba jew tnejn li xi ħadd minnhom qabad it-triq tal-ġenna. It-tiġijiet spiċċaw għal



Dehra waqt il-ħruġ tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Mosta fis-snin ta' wara l-gwerra. Fuq ix-xellug tidher id-dar ta' Gerit tal-Biskuttini.



*Nies minn kull rokna ta' Malta bdew jaslu u jinġabru biex jassistu għall-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta fl-10 t'Awwissu 1975. Tidher il-kuruna l-kbira fil-bidu ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku kif kienet tintrama f'dak iż-żmien. (mill-arkivji tas-Soċjetà Nicolò Isouard)*



*Id-Dar "Ta' Danjeli" - faċċata tal-Knisja kantuniera ma' Triq il-Kungress Ewkaristiku - mżejna għall-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'April 1913. Fuq ix-xellug tidher il-bandalora u x'uħud mill-bandisti tal-Banda Nicolò Isouard. (ħajr lil Joseph V. Sammut)*

kollox mill-każin għax issa fil-Mosta kien hemm swali li kienu saru għal dan l-iskop. Mill-banda l-oħra, ħafna għarajjes bdew jippreferu li jagħmlu l-festa tat-tieġ f'xi lukanda li issa kienu bdew jiżdiedu wkoll. Din is-sitwazzjoni kienet inkwetanti għad-diriġenti tal-Każin Santa Marija. Kienu jafu li jekk l-affarijiet jibqgħu sejrin hekk, il-każin ma kellux ħajja twila. Biex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni u fl-istess ħin iqajjmu lill-każin, il-kumitat kien aċċetta talbiet minn għaqdiet oħra biex jużaw il-Każin Santa Marija. Kien hemm numru sabiħ ta' għaqdiet li f'xi żmien jew ieħor bdew jiltaqgħu fil-Każin Santa Marija. L-ewwel waħda li nafu biha kienet fl-1921, meta grupp ta' nies ta' skola bħal qassisin, tobba, avukati, għalliema u oħrajn krew kamra fil-Każin Santa Marija stess u hemm waqqfu l-*Camera di Lettura*. Din il-kamra kienet magħrufa fost il-poplu bħala **"l-Każin tas-Sinjuri"**.

Fl-1961, iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara ressqu talba lill-kumitat tal-Każin Santa Marija biex jużaw il-każin. Iżda din it-talba ġiet miċħuda għax iż-żagħżagħ riedu jidħlu kollha membri fil-każin.[7] F'Marzu 1975, daħlu l-*Mosta Gunners* li kellhom tim tal-futbol. Baqgħu hemm sa' l-1981, meta l-kumitat bidel is-sellatura tal-bieb għax il-*Mosta Gunners* ma riedux jirritornaw iċ-ċwievet.[8]

Kollox juri li għalkemm kienu jaċċettaw ħafna talbiet minn għaqdiet diversi biex jużaw il-Każin Santa Marija, id-diriġenti tal-każin kienu b'seba' għajnejn biex ma jħallu lil ħadd jeħdilhom it-tmexxija tal-każin minn taħt idejhom. Il-fatt li liż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara m'aċċettawhomx għax riedu jidħlu membri u l-fatt li l-*Mosta Gunners* li kien ilhom ftit tas-snin mhux ħażin jagħmlu użu mill-każin u allura kienu rabbew ċerta awtorità, u li mbagħad il-kumitat spiċċa biex jisforzahom jitilqu, juru li d-diriġenti riedu jkomplu jmexxu huma kif wara kollox kellhom kull dritt.

Ġara li nhar l-10 t'Awwissu 1975, seħħet ġrajja kbira għall-Mostin kollha - l-Inkurunazzjoni ta' Santa Marija fil-Kwadru Titulari tar-Rotunda mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi. Il-Każin Nicolò Isouard bil-



Dehra tal-faċċata tal-Każin Nicolò Isouard imżejjna b'disinji magħmulin minn eluf ta' fjuri tal-karti, fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta. Dan ix-xogħol sar minn Joe Spiteri bil-għajnuna ta' xi soċi tal-Każin. (ritratt: Victor B. Caruana)



Iż-żgħażagħ tal-Mosta Gunners iżejjnu l-Każin Santa Marija fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta, ftit xhur biss wara li bdew jużaw il-Każin Santa Marija għall-attivitajiet tagħhom. (ritratt: Victor B. Caruana)

banda tiegħu kellu sehem importanti fl-attivitajiet li saru. Il-Każin Santa Marija - bis-saħħa tal-*Mosta Gunners* ukoll - wera ċertu entużjażmu kif juri t-tiżjin tal-faċċata tal-Każin li sar bl-inizzjattiva taż-żgħażagħ tal-*Mosta Gunners*.

Bejn is-snin 1978 u 1979, il-Każin Nicolò Isouard ġie mkabbar billi nbnew erba' swali ġodda. Il-festa għall-inawgurazzjoni mill-ġdid tal-Każin Nicolò Isouard saret fit-18 ta' Mejju 1980. U f'din is-sena wkoll daħal fix-xena tal-Każin Santa Marija, is-sur Alex Vella, li għamel ħames snin Segretarju tal-Każin u mbagħad ħa l-kariga ta' President flok missieru, il-Maġġur Joseph Vella.

Lil Alex kont nafu sewwa. Kien ta' mpari fl-età u konna sirna ħbieb fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Meta Alex daħal fil-kumitat tal-Każin Santa Marija, hu kien l-aktar wieħed żagħżugħ. Nemmen li mill-ewwel ta direzzjoni ġdida lill-każin. Tant hu hekk li fil-bidu tas-snin tmenin, bdew jiġu organizzati lekċers, diskussjonijiet u anke riċevimenti ta' l-okkażjoni, bħal ngħidu aħna, fil-Milied, li għalihom kienu jiġi mistiedna rappreżentanti minn soċjetajiet oħra, fosthom is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard. F'dawn is-snin, meta allura kont nokkupa l-kariga ta' Segretarju tas-Soċjetà Nicolò Isouard, nista' nikkonferma li r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ Każini kienu eċċellenti.

## Kumitati Ġodda

Waslet is-sena 1985. Nhar il-Ħadd, 13 ta' Jannar, f'għodwa ta' xita qawwija u kontinwa, saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard. F'din il-laqgħa ġenerali nħatar il-kumitat li kellu jmexxi lis-Soċjetà għall-1985. Tista' tgħid li baqa' l-istess kumitat tas-sena ta' qabel.

Fil-bidu ta' Frar 1985, saret il-Laqgħa Ġenerali tal-Każin Santa Marija, li fost affarijiet oħra riedet taħtar il-kumitat. L-elezzjoni għall-kumitat il-ġdid ġiet ikkontestata minn sbatax-il ruħ li minnhom ġew eletti ħdax.[9] Minn dawk eletti kien hemm tnejn biss mill-kumitat il-qadim.[10] Erbgħa oħra kienu eks-membri tal-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard.[11]



*Il-Kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard għall-1985. Bil-wieqfa mix-xellug: Rupert Vella, Charles Schembri, Michael Camilleri, Salvu Cutajar, Charles Galea, Anthony Deguara u Charles Debono. Bil-qegħda: Dun Karm Mifsud (Kappillan tas-Soċjetà), Saviour Dimech (Segretarju), Ġużè Cauchi (President), Nikol Galea (Teżorier) u Alfred Degiorgio (Viċi-President).*

Kien hemm żewġ membri oħra li kienu soċi attivi ħafna fil-Każin Nicolò Isouard - l-aktar fejn jidħol id-delizzju tax-xogħol tan-nar. [12] Il-tlett membri eletti l-oħra ma kellhomx rabta mal-Każin Nicolò Isouard. [13]

Mill-esperjenza nafu li meta f'Soċjetà ta' ftit membri jkollok elezzjoni kkontestata minn numru sostanzjali ta' membri (f'dan il-każ sbatax biex jintgħażlu ħdax) ikun ifisser li jkollok żewġ kurrenti. Wieħed min-naħa tal-membri tal-kumitat l-antik u l-ieħor minn numru ta' kontestanti ġodda. Aktarx li l-votazzjoni tispiċċa f'forma ta' *block vote* u naturalment jirbaħ l-akbar blokk. Dan il-ħsieb isib l-appoġġ qawwi fil-kumment li jikkwota Joe Agius, *PRO* tal-Każin Santa Marija, fi 'Il-Mosta' meta b'referenza għall-Kumitat tal-1943 jgħid: "Min m'għadux fil-kumitat, għax miet". [14] Però l-istess Joe Agius[15] jaċċertana li l-formazzjoni ta' dan il-Kumitat ġdid ma saritx b'xi rivoluzzjoni jew bħala vot ta' sfiduċja fin-nies li minkejja kollox, irnexxielhom iżommu l-Każin miftuħ. [16] Kienet x'kienet, żgur li din il-bidla seħħet b'deċiżjoni ta' malajr għax is-



*Soċi tal-Każin Nicolò Isouard kburin bix-xogħol tagħhom għall-festa ta' Santa Marija ta' l-1950. Mix-xellug: Fidiel Camilleri li ħalla ħajtu wara d-diżgrazzja tan-nar tas-6 ta' Ġunju 1958, Toni Ebejer li għadu mimli bil-għomor, u Joe Mangion (il-Parell) li fl-1985 qasam għall-Każin Santa Marija u għadu attiv fix-xogħol tan-nar.*
*(mill-arkivji tas-Soċjetà Nicolò Isouard)*



*Ħarqa nar għall-festa ta' Santa Marija ta' l-1962, maħdum mis-soċi tal-Każin Nicolò Isouard. Mix-xellug: Joe Muscat li fl-1985 qasam ukoll għall-Każin Santa Marija, Joe Mangion, u Paċik Saliba li fl-1985 iddeċieda li ma jmurx ma' sħabu fil-Każin Santa Marija u baqa' leali lejn il-Każin Nicolò Isouard. Paċik inħatar Membru Onorarju tas-Soċjetà Nicolò Isouard - unur li baqa' jżomm sa mewtu li ġrat fit-22 ta' Mejju 2006.*
*(mill-arkivju tas-Soċjetà Nicolò Isouard)*

sitt membri li ġew eletti fil-Kumitat tal-Każin Santa Marija u li kellhom rabtiet mill-qrib mal-Każin Nicolò Isouard, kollha kienu laħqu ħallsu l-menswalità tas-soċi fil-Każin Nicolò Isouard għal dik is-sena stess - jiġifieri għas-sena 1985. U kien hemm fosthom min baqa' jħallas anke wara. [17] Barra dawn il-membri tal-kumitat, kien hemm soċi oħra tal-Każin Nicolò Isouard li ssieħbu fil-Każin Santa Marija u għadhom sal-lum attivi fix-xogħol tan-nar. Dawn ukoll kienu soċi mħallsa regolari tas-Soċjetà Nicolò Isouard. [18]

Il-*PRO* tal-Każin Santa Marija jgħarrafna li mbagħad erba' membri oħra ġew ikko-optjati fil-kumitat tal-Każin Santa Marija. [19] B'hekk ġie ffurmat kumitat ta' ħmistax-il ruħ biex imexxi l-Każin Santa Marija għas-sentejn 1985 u 1986. Dan kollu juri li min kien qiegħed jorganizza kollox kien jaf tajjeb x'qiegħed jagħmel. Aktarx li kien barra miż-żewġ każini, iżda kien jaf eżatt is-sitwazzjoni fiż-żewġ każini u wara ġabar miegħu lil diversi nies - l-aktar mill-Każin Nicolò Isouard biex il-



*Murtali għall-festa ta' Santa Marija 1968 - xogħol is-soċi tal-Każin Nicolò Isouard. Jidhru: Alfred Magri li fl-1985 issieħeb fil-Każin Santa Marija, sar Teżorier ta' dik is-Soċjetà u għadu sal-lum responsabbli mill-kamra tan-nar ta' dik is-Soċjetà, Joe Mangion, u Joe Camilleri li wkoll mar ma' sħabu fil-Każin Santa Marija.*
*(mill-arkivju tas-Soċjetà Nicolò Isouard)*



*Xogħol tan-nar maħdum fil-kamra tan-nar f'Ta Mlit mid-dilettanti tal-Każin Nicolò Isouard għall-festa ta' l-1975, fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta. Jidhru mix-xellug: Paċik Saliba, Joe Gauci li ma baqax joqgħod il-Mosta, Joe Mangion, Ġamri Mallia li ma baqax jaħdem in-nar u għadu sal-lum membru leali lejn il-Każin Nicolò Isouard, Emmanuel (Wolly) Mangion li miet fi Frar 2006 u Alfred Magri.*
*(mill-arkivji tas-Soċjetà Nicolò Isouard)*

pjanijiet tiegħu jitwettqu fi żmien qasir.

## L-inċident ta' l-Irxoxt

Nhar il-Ħadd, 7 t'April 1985, kien l-Għid il-Kbir. Fil-għaxija, il-Banda Nicolò Isouard tat is-sehem tagħha fil-pageant ta' l-Irxoxt li għadda minn dawn it-toroq: il-Kostituzzjoni, Nicolò Isouard, it-Tabib Chetcuti, San Ġwann, Grognet, Tonna, Callus, il-Kungress Ewkaristiku għal Pjazza Rotunda.[20] Il-Banda bħas-soltu mxiet quddiem l-istatwa ta' Kristu Rxoxt. X'ħin ta' l-istandard wasal eżatt f'tarf Triq il-Kungress Ewkaristiku biex jidħol fil-Pjazza, il-bandisti tal-Banda Nicolò Isouard kienu skjerati quddiem il-Każin Santa Marija, idoqqu marċi ferrieħa. Quddiem il-Każin Santa Marija kien hemm bejn ħmistax u għoxrin raġel. Ħafna minnhom kienu eks-membri tal-Każin Nicolò Isouard u kien hemm fosthom li issa kienu membri fil-kumitat tal-Każin Santa Marija. Kollha kienu bil-wieqfa f'filliera, wieħed ma' ġenb l-ieħor tul il-faċċata kollha tal-Każin Santa Marija u kienu kollha fit-triq, taħt il-bankina.

F'ħin bla waqt, xi ħadd minnhom ta s-sinjal lil sħabu u kollha f'salt bdew jaħarqu kwantità kbira ta' sfafar, iqabbdu waħda wara l-oħra. Is-sfafar żammewhom 'il quddiem, immirati lejn l-art. Il-kwantità kbira ta' duħħan li nħolqot minn dawn is-sfafar kollha bdiet miexja fuq l-asfalt tat-triq u d-duħħan beda tiela' minn fost il-bandisti. Il-Banda donnha kienet qegħda taqbad! X'uħud mill-bandisti bdew jisgħolu u tal-katuba ma kellux triq oħra ħlief li jimmarka biex kulħadd jieqaf mid-daqq. Kienu ġa bdew xi kummenti b'espressjoni ta' rabja minn x'uħud mill-bandisti għal dak li kienu qegħdin jagħmlu l-partitarji tal-Każin Santa Marija, meta l-membri tal-kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard li kienu quddiem il-banda, daħlu bejn il-partitarji tal-Każin Santa Marija u l-Bandisti u bdew jgħaġġluhom biex jimxu lejn il-Pjazza. Kienet deċiżjoni f'waqtha li b'riżultat tagħha l-festa ta' l-Irxoxt ma sfrattatx fl-aħħar naqra.

Il-Banda reġgħet armat ruħha fil-Pjazza u reġgħet bdiet iddoqq l-marċi ferrieħa, qisu qatt ma ġara xejn. Ir-reffiegħa ta' l-istatwa ta' l-Irxoxt qagħdu jistennew ftit sakemm id-duħħan u l-foga li kien hemm quddiem il-Każin Santa Marija telqu. U mbagħad ġirja waħda sal-Pjazza. Min-naħa tagħhom, il-partitarji tal-Każin Santa Marija kienu ferħanin u wrew sentimenti ta' sodisfazzjon wara l-wirja spettakolari li ħolqu bil-ħruq ta' l-isfafar.

Wara dan l-inċident serju, is-Segretarju tal-Każin Nicolò Isouard kiteb lis-Segretarju tal-Każin Santa Marija fil-11 t'April 1985. L-ittra kienet tgħid hekk:

*Inkarigat mill-kumitat tiegħi biex inwassallek l-ilmenti tas-Soċjetà Nicolò Isouard għall-irresponsabbiltà li wrew xi wħud mill-membri tal-Każin tiegħek, meta ħarqu dik il-kwantità ta' sfafar waqt li l-banda kienet għaddejja minn quddiem il-każin tagħkom fil-purċissjoni ta' l-Irxoxt. Il-Kumitat tiegħi jinnota li l-isfafar qatt ma nħarqu b'dak il-mod, jiġifieri li jtellfu lill-bandisti u jagħmlu ħsara lill-istrumenti mużikali b'dak il-ħafna duħħan. Għalhekk il-kumitat tiegħi jittama li dak li ġara ma jerġax jirrepeti ruħu, u jżommok responsabbli għal kull ħsara li tista' ssir f'każ li ċirkustanza bħal din tirreperti ruħha fil-futur.*

Fit-18 t'April 1985, is-Segretarju tal-Każin Santa Marija rrisponda b'din l-ittra:

*Filwaqt li s-Soċjetà tiegħi tikkundanna kull imġieba mhux xierqa w ġġir li jista' jkun ta' ħsara jew b'xi mod itellef lill-ħaddieħor, u dan il-kumitat ser jagħmlu espressament ma' soċi ta' din is-Soċjetà fuq dak li inti qiegħed tallega, inħoss li għandi ngħarrfek, li ma tistax tinżamm responsabbli din is-Soċjetà għal dak li jagħmlu soċi minn rajhom barra l-Każin. Il-kumitat jixtieq jieħu din l-okkażjoni biex jassigurak u lill-kumitat tiegħek li l-għanijiet tagħna huma ta' kollaborazzjoni u progress għall-ġid tal-Mostin fil-paċi u mingħajr kull vulgarità ta' konfrontazzjoni.*

M'hemmx dubju li din l-ittra kienet waħda diplomatika għall-aħħar. Ma ninsewx illi dawk li ħarqu s-sfafar kienu esperti fix-xogħol tan-nar u kienu jafu minn qabel, ir-riżultat tal-mod kif ħarqu dawk l-imberkin ta' sfafar. Żgur li kienu organizzati fi grupp u l-fatt li kienu taħt il-bankina quddiem il-każin, ma jfissirx li kienu disassoċjati mill-istess Każin.

B'danakollu l-ittra kien fiha punti tajbin u wieħed ta' min jibni fuqhom. Għalhekk fis-6 ta' Mejju 1985,

is-Segretarju tal-Każin Nicolò Isouard irrisponda hekk:

*Nirringrazzjak għall-ittra tat-18 t'April 1985, u nkarigat mill-kumitat tiegħi biex nurik l-apprezzament tagħna għal dak li ktibt, speċjalment għall-assikurazzjoni tiegħek illi l-għanijiet tagħkom huma l-kollaborazzjoni u l-progress għall-ġid tal-Mostin fil-paċi u mingħajr kull vulgarità ta' konfrontazzjoni. Aħna nixtiequ nieħdu vantaġġ minn dan biex nitolbukom, biex f'dan l-ispirtu, intkom ma tavviċinawx bandisti li diġà qegħdin magħna sabiex tħajruhom jiġu magħkom u għal kuntrarju nitolbukom biex tagħmlu ħilitkom biex tħajjru nies ġodda biex isiru bandisti u intkom tgħallmuhom u tgħinuhom biex isiru bandisti biex b'hekk in-numru ta' dawn fil-Mosta jikber kemm jista' jkun.*

F'din l-ittra tqajjmet kwistjoni serja - dik li bandisti jaqsmu minn Soċjetà għall-oħra. Diġà kien hemm xi bandisti tas-Soċjetà Nicolò Isouard li rrapurtaw li ġew avviċinati minn membru tal-kumitat tal-Każin Santa Marija biex meta jwaqqfu l-Banda f'dak il-Każin, imorru jdoqqu magħhom. Għalhekk wieħed jista' jifhem li l-kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard kien ħerqan biex ikun jaf x'politika kien ser jaddotta l-kumitat tal-Każin Santa Marija f'dan ir-rigward.

Jiena wkoll kelli esperjenza ta' kif kienu jiġu avviċinati n-nies. Naturalment lili ma qalulix biex immur indoqq mal-Banda Santa Marija. Iżda esperjenzajt dawn il-kuntatti b'rabta max-xogħol tiegħi fil-banka tal-lottu. [21]

Bdew għaddejjin il-ġranet u ma sar l-ebda kumment mill-Każin Santa Marija dwar l-ittra tas-6 ta' Mejju 1985. Fl-aħħar waslet din l-ittra bid-data tad-9 ta' Lulju 1985:

*Il-kumitat tiegħi jixtieq li bħal fi snin oħra, fil-ġranet tal-festa, inti u l-kumitat tiegħek flimkien mal-banda, tkunu mistednin tagħna għal rinfresk. Xtaqna kieku nżommu t-tradizzjoni u nistednukom fit-13 t'Awwissu. Inti taf tajjeb, iżda, li dakinhar ħafna minn sħabi tal-kumitat jieħdu sehem attiv ħafna fiċ-ċelebrazzjonijiet u ma jkunux jistgħu jkomplu magħkom kif jixraq u kif aħna lkoll nixtiequ. Għalhekk ikollna nressqu l-istedina 'l quddiem b'ġurnata, fit-12 t'Awwissu. [22] Jiena fiduċjuż li din il-bidla żgħira ma toħolqilkom l-ebda inkonvenjent u li l-kumitat tiegħek jilqa' din l-istedina bħala xhieda tar-rapporti ġenwini li jiena ċert, ilkoll kemm aħna, nixtiequ naraw bejn is-Soċjetajiet u s-soċi tagħna.*

Din kienet ittra pulita ta' stedina għat-12 t'Awwissu. L-ittra tinjora għal kollox il-korrispondenza li saret qabel bejn iż-żewġ Soċjetajiet. B'hekk il-pożizzjoni dwar il-moviment tal-bandisti mas-Soċjetà Nicolò Isouard għall-Banda Santa Marija baqgħet fejn kienet u mingħajr l-ebda soluzzjoni.

Inzerta li l-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 1985, tas-Soċjetà Nicolò Isouard kellha ssejjaħ il-laqgħa ġenerali tal-bandisti ta' nofs is-sena. Fost ħwejjeġ oħra, il-President tas-Soċjetà Nicolò Isouard fid-diskors tiegħu għamel referenza għall-banda l-ġdida li kien qiegħed jingħad li ser titwaqqaf fil-Każin Santa Marija. Il-President iddikjara li tas-Soċjetà Nicolò Isouard m'għanda xejn kontra li titwaqqaf banda oħra fil-Mosta. Din id-dikjarazzjoni waqt laqgħa ġenerali tas-Soċjetà turi li mill-bidunett is-Soċjetà Nicolò Isouard kienet taqbel mat-triq tal-kooperazzjoni bejn iż-żewġ baned. Iżda mill-banda l-oħra, is-Soċjetà ma setgħetx tippermetti li ssirilha ħsara billi l-bandisti tagħha jiġu mħajjra jmorru mal-banda l-ġdida. Uħud mill-bandisti preżenti kkonfermaw waqt il-laqgħa ġenerali stess li huma ġew imħajjra minn membru tal-kumtat tal-Każin Santa Marija biex imorru jdoqqu mal-Banda Santa Marija.[23] Anke l-Viċi-President - is-sur Alfred Degiorgio - li ma kienx bandist, ikkonferma li hu wkoll ġie avviċinat biex jissieħeb fil-Każin Santa Marija.

Il-membri preżenti ġew infurmati li kienet saritilna stedina mill-kumitat tal-Każin Santa Marija biex fit-12 t'Awwissu, il-bandisti u l-membri tal-Kumitat jidħlu jixorbu fil-Każin fl-okkażjoni tal-festa.

Kien hemm min staqsa x'kienet ir-raġuni għala l-istedina saret għat-12 u mhux għat-13 t'Awwissu kif kien isir is-soltu. Għalhekk l-ittra tad-9 ta' Lulju 1985 inqrat waqt il-laqgħa ġenerali. Saret diskussjoni kemmxejn imqanqla dwar din l-istedina fl-isfond tal-kuntatti li kienu qegħdin isiru biex il-bandisti jmorru jdoqqu mal-Banda Santa Marija. Fl-aħħar, Alfred Degiorgio ressaq mozzjoni biex is-Soċjetà Nicolò Isouard ma taċċettax l-istedina biex il-Banda tidħol tixrob fil-Każin Santa Marija fit-12 t'Awwissu 1985. Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Bandist Joe Spiteri u għaddiet għall-voti. Ir-riżultat kien unanimu favur il-mozzjoni, barra astensjoni waħda.

Id-deċiżjoni li ttieħdet waqt il-Laqgħa Ġenerali tat-12 ta' Lulju 1985, ġiet imwassla lill-kumitat tal-Każin Santa Marija permezz ta' l-ittra tas-16 ta' Lulju 1985, li kienet tgħid hekk:

*Peress illi l-kumitat tiegħek baqa' ma rrisponda xejn dwar l-ittra tiegħi tas-6 ta' Mejju 1985, fejn kont tlabtkom biex ma tħajjrux bandisti mill-Banda Nicolò Isouard biex jingħaqdu mal-banda tagħkom, meta din titwaqqaf, u peress illi membru tal-kumitat tiegħek baqa' javviċina lill-bandisti tagħna xorta waħda, wara li rċevejtu l-ittra tas-6 ta' Mejju 1985, il-kumitat tiegħi jidhirlu li l-kliem dwar ir-rapporti ġenwini fl-ittra tiegħek, huwa kollu kliem fieragħ.* [24]

*Ngħarrfek illi l-kumitat tiegħi sejjaħ Laqgħa Ġenerali għall-Bandisti u fiha nqrat l-ittra tiegħek. Wara li l-bandisti ddiskutew dwar il-fatti li semmejtlek aktar 'il fuq, u wara li xi bandisti ikkonfermaw pubblikament li ġew avviċinati minn membri tal-kumitat tiegħek biex jingħaqdu mal-banda tiegħek, l-istess laqgħa ġenerali ddeċidiet li ma tilqax l-istedina tiegħek għal rinfresk fit-12 t'Awwissu 1985.*

B'reazzjoni għal din l-ittra, il-President tal-Każin Santa Marija, is-sur Alex Vella rrisponda b'ittra pjuttost twila tad-29 ta' Lulju 1985.

*Il-punti prinċipali li ġew espressi f'din l-ittra kienu li l-Kumitat Santa Marija ddiskuta l-ittra tas-6 ta' Mejju, ħa linja u ħaseb li l-affari waqfet hemm. Jekk sar xi poaching minn xi ndividwi wara s-6 ta' Mejju, żgur li ma sarx bil-barka tal-kumitat u allura l-President ma jarax għaliex ma' ndividwu għandha teħel is-Soċjetà. Issuġġerixxa li jekk hemm bżonn, nistabbilixxu linja komuni għall-futur u żied li aħna tal-Banda Nicolò Isouard m'għandniex nippretendu mill-Każin Santa Marija dikjarazzjoni f'dan is-sens meta aħna ma nintrabtux ukoll. Alex Vella jaċċenna li min jaqsam għall-Każin Santa Marija, dan għamlu biss għax ħass li jkun aktar għal qalbu u mhux għax ser jakkwista xi ħaġa, għax la wegħdu flus [25] u lanqas ma għamlu lill-bandisti propjetarji tal-Każin. Fl-aħħar ta' l-ittra, il-President tal-Każin Santa Marija jappella biex f'ġieħ il-paċi u l-għaqda naċċettaw l-istedina tat-12 t'Awwissu 1985.*

Il-punti li qajjem il-President tal-Każin Santa Marija f'din l-ittra kienu diskutibbli ħafna. Intużat l-istess strateġija li kienet intużat ftit xhur qabel fil-każ tal-ħruq ta' l-isfafar waqt il-purċissjoni ta' l-Irxoxt. Jiġifieri li l-kumitat ma jarax li għandu jerfa' responsabbiltà għax dak li sar mill-individwu ma kienx ordnat mill-kumitat. Iżda fl-aħħar mill-aħħar kollox juri li l-kumitat kien jaċċetta dawk l-inizjattivi li jieħdu l-individwi. Għax dawk li qassmu għall-Banda Santa Marija żgur li ġew avviċinati biex jagħmlu l-ewwel pass. U dan jikkonferma li l-*poaching* [26] kien isir tassew. Barra minhekk, sa dakinhar il-Banda Santa Marija ma kellha l-ebda bandist tagħha u għalhekk kienu l-bandisti tal-Banda Nicolò Isouard biss li setgħu jiġu mhajjra biex imorru jdoqqu mal-banda l-oħra.

Għalhekk permezz ta' l-ittra tas-6 t'Awwissu 1985, is-Segretarju tal-Każin Nicolò Isouard ikkonferma d-deċiżjoni li kienet ittieħdet waqt il-Laqgħa Ġenerali tas-Soċjetà Nicolò Isouard u nforma lill-President tal-Każin Santa Marija li l-istedina tal-Kumitat tiegħu ma ġietx milqugħa.

Kienet l-ewwel darba fis-snin li kien ilni Segretarju tas-Soċjetà li l-Banda Nicolò Isouard ma daħlitx fil-Każin Santa Marija fl-okkażjoni tal-festa. Biex ngħidu kollox, l-istedin qatt ma kien isir bil-miktub kif kien sar f'din is-sena. Konna nkunu avżati bil-kelma. Barra minhekk, il-Maġġur Joseph Vella li kellu kariga għolja fil-kumitat tal-Każin tas-Soċjetà Nicolò Isouard, kien jistieden lill-Banda fid-dar tiegħu. Waqt dik il-bibita dejjem kien jerġa' jfakkarna biex fl-aħħar tal-marċ nerġgħu niltaqgħu fil-Każin Santa Marija.[27]

## Sena Attiva

Is-sena 1985 kienet sena attiva ħafna għall-Banda Nicolò Isouard. Barra s-servizzi tas-soltu, il-Banda daqqet il-Ħadd, 28 ta' Lulju, waqt li mexxiet lill-poplu Mosti f'dimostrazzjoni b'turija ta' mħabba lejn il-Madonna meta l-vara ta' Santa Marija ġiet restawrata u ndurata mill-ġdid.



**Il-Ħadd, 28 ta' Lulju 1985.** *Wara li l-istatwa ta' Santa Marija ġiet indurata mill-ġdid, l-Arċipriet Dun Joe Carabott kixifha quddiem il-poplu Mosti għas-sodisfazzjon ta' kulħadd. (ħajr lil Salvinu Zahra)*

Fit-8 t'Awwissu l-Banda daqqet għall-ewwel darba l-mużika kollha waqt il-quddiesa tal-Kwindiċina u mbagħad esegwiet l-Innu *Alla Beata Maria Vergine* ta' Anton Miruzzi - it-tieni darba li ndoqq fil-Knisja tal-Mosta.



*Il-Banda Nicolò Isouard mexxiet lill-Mostin f'dimostrazzjoni ta' mħabba lejn il-Madonna qabel ma l-vara ta' Santa Marija ddaħlet fil-knisja fit-28 ta' Lulju 1985. (ritratt: Victor B. Caruana)*

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Novembru, il-Banda Nicolò Isouard ippreżentat Programm Sinfoniku fit-Teatru Manoel fl-okkażjoni tal-festi ta' Santa Ċeċilja organizzati mill-Għaqda Każini tal-Banda. Barra dawn is-servizzi tal-banda, kien hemm ukoll ġrajja oħra mportanti. Fid-9 t'Awwissu saret l-inawgurazzjoni ta' l-Arkivju u l-Kamra tal-Kumitat mill-Arċisqof ta' Malta. Mons.



*Fid-9 t'Awwissu 1985, l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca nawgura u bierek l-Arkivju u s-Sala tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard.*

Ġużeppi Mercieca. Kienet opra mportanti li kienet swiet 'il fuq minn Lm4000 u saret ftit snin biss wara li kien sar xogħol estensiv fil-bini tal-Każin. Dan kollu jikkonferma li l-ħajja fil-Każin Nicolò Isouard kienet waħda stabbli u progressiva, sew fejn tidħol il-Banda u sew fejn tidħol l-amministrazzjoni tal-Każin.

## Iddoqq il-Banda l-Ġdida

Nhar it-Tlieta, 18 ta' Frar 1986, sar l-ewwel kunċert fil-Każin Santa Marija.[28] Imbagħad fit-28 ta' Marzu, il-Banda Santa Marija għamlet l-ewwel dehra tagħha fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Ir-ritratt li ġie ppubblikat mill-Każin Santa Marija [29] jikkonferma li f'din l-okkażjoni l-Banda Santa Marija kienet komposta minn ħamsin bandist. Minn dawn il-ħamsin, kien hemm disgħa Mostin u wieħed u erbgħin oħra barranin. Mid-disa' bandisti Mostin kien hemm tmienja li kienu eks-bandisti tal-Banda Nicolò Isouard.[30]

Tajjeb li ngħidu li meta aħna pprotestajna mal-Kumitat tal-Każin Santa Marija dwar il-bandisti li kienu qegħdin jiġu avviċinati biex imorru jdoqqu mal-Banda Santa Marija, ma konniex qegħdin nirreferu għal dawn it-tmienja. Dawn naturalment ma qalulniex li ġew avviċinati. Dawk li rrapurtawlna li ġew avviċinati m'aċċettawx is-suġġerimenti li sarulhom u baqgħu ma qasmux għall-Banda Santa Marija.

Issa min hu midħla tal-Każini tal-Banda jaf kif jaħdmu l-baned. Normalment ikollok numru ta' bandisti tal-post li jdoqqu b'xejn u mbagħad iżżid il-bandisti li jkun hemm bżonn, u dawn jitħallsu skond is-servizz. F'dan il-każ, tal-Banda Santa Marija huwa diffiċli ħafna biex tgħid li d-disa' bandisti Mostin kienu bandisti tal-post, mingħajr ħlas għax it-tagħlim mużikali ma ħaduhx mill-Każin Santa Marija. Aktarx li kienu waħdiet biss li daqqew b'xejn għaliex uħud minn dawk l-eks bandisti tal-Banda Nicolò Isouard, li marru jdoqqu mal-Banda Santa Marija, waqfu mill-Banda Nicolò Isouard propju għax riedu li jibdew jitħallsu tas-servizzi.[31] Għalhekk nistgħu nikkonkludu li f'dan il-każ, il-bandisti ġew mikrija biex welldu lill-Banda Santa Marija. Iżda l-aktar importanti kien li l-bidu kien sar u minn dakinhar 'il quddiem fil-Mosta kellna żewġ baned lokali.

Il-ħsieb tal-Kumitat tal-Każin Santa Marija kien li l-Banda Santa Marija tiġi nawgurata uffiċjalment fl-10 t'Awwissu 1986. Għażlu d-data tal-ħdax-il anniversarju mill-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta. Marru għand l-Arċipriet Dun Joe Carabott u talbuh biex dakinhar il-marċ tas-soltu jsir mill-Banda Santa Marija biex iservi bħala parti mill-festi ta' l-inawgurazzjoni tal-Banda.[32]

Dan il-Marċ għal għaxar snin konsekuttivi - bejn l-1976 u l-1985 - kien sar dejjem mill-Banda Nicolò Isouard u għalhekk l-Arċipriet qal lid-delegazzjoni tal-Każin Santa Marija biex jitolbu lill-kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard ħalli nċedulhom dan il-marċ. Tal-kumitat tal-Każin Santa Marija donnhom ħassewhom imbarazzati biex iressqu din it-talba lill-kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard u għalhekk talbu lill-Arċipriet biex it-talba jressaqilna hu f'isimhom.

Din it-talba li ġiet diskussa waqt is-seduta tal-kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard tat-2 ta' Settembru 1985 ma ġietx milqugħa mill-kumitat għax kienet kontra l-prinċipju li s-servizzi mill-Banda Nicolò Isouard fil-festi ma jitnaqqsux b'riżultat tat-twaqqif ta' banda oħra fil-Mosta.

Fil-verità, matul dawn l-aħħar għoxrin sena, il-Banda Nicolò Isouard żammet is-servizzi li kienet tagħmel qabel u ma ngħatat l-ebda servizz ieħor mill-organizzaturi tal-festa ta' Santa Marija, filwaqt li l-Banda Santa Marija ngħatat tliet servizzi mill-istess organizzaturi tal-festa. Dawn it-tliet servizzi huma l-marċijiet tad-9 u ta' l-14 t'Awwissu u l-akkumpanjament fl-ewwel parti tal-purċissjoni ta' Santa Marija. Indirettament dawn is-servizzi kellhom effett negattiv fuq il-Banda Nicolò Isouard għaliex il-baned barranin li posthom ħaditu l-Banda Santa Marija u għalhekk ma ġewx aktar il-Mosta, ma stiednux aktar lill-Banda Nicolò Isouard fil-festi tagħhom kif kien isir qabel.

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd u wasal id-9 t'Awwissu 1986 meta kellha tiġi nawgurata uffiċjalment il-Banda Santa Marija. Waqt il-laqgħa tal-kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard ta' l-4 t'Awwissu 1986 saret diskussjoni dwar invit mill-Każin Santa Marija biex il-President u s-Segretarju jattendu għaċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni tal-Banda Santa Marija nhar is-Sibt, id-9 t'Awwissu 1986. Waqt din id-diskussjoni ntqal li wara li l-Banda Santa Marija daqqet għall-ewwel darba fil-Ġimgħa l-Kbira, kien jidher li ma ġewx avviċinati aktar bandisti tagħna biex imorru jdoqqu mal-Banda Santa Marija. Għalhekk, u biex nuru rieda tajba min-naħa tagħna, ġie deċiż li l-istedina tiġi aċċettata. Konna morna għaċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni, jiena bħala Segretarju u s-sur Ġużè Cauchi li kien il-President.

Mela l-pass min-naħa tas-Soċjetà Nicolò Isouard

kien sar. Kienet l-ewwel darba li l-uffiċjali tal-Każin Nicolò Isouard daħlu fil-Każin Santa Martija wara l-inċident ta' l-Irxoxt ta' l-1985. Kif ġa għidt, il-kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard ried iwassal messaġġ ta' rieda tajba. Iżda sfortunatament jidher li dan il-messaġġ ġie njorat mill-kumitat tal-Każin Santa Marija għax meta ġiet l-okkażjoni, il-kumitat ta' Santa Marija xorta waħda aċċetta l-bandisti li telqu mill-Banda Nicolò Isouard. Nafu li kien hemm tliet bandisti oħra li l-kumitat tal-Każin Santa Marija laqgħahom fil-Banda b'idejh miftuħa.[33]

## Għeluq

Illum għaddew eżattament għoxrin sena mit-twaqqif tat-tieni banda fil-Mosta. Żgur li matul dawn l-għoxrin sena, il-Banda Santa Marija tat kontribut siewi lill-Komunità Mostija. Daqstant ieħor, il-Banda Nicolò Isouard kompliet iżżid l-attivitajiet tagħha u l-bandisti tagħha komplew jipperfezzjonaw irwieħhom fl-arti mużikali. Żgur li dan kollu huwa ta' ġid għall-poplu Mosti. Juri li l-kompetizzjoni nadifa ġġib magħha riżultati pożittivi.[34] Juri wkoll li ż-żewġ Soċjetajiet jistgħu jimxu u jikbru flimkien għalkemm kull waħda żżomm l-identità tagħha. Prova ta' dan kienu d-diversi okkażjonijiet meta ż-żewġ Baned ħadu sehem flimkien. Fosthom insemmu:

* il-Festival ta' l-Ilma li sar fil-Mosta fil-25 ta' Settembru 1987;
* fil-purċissjoni ta' Korpus ta' l-1988, li saret b'tifkira tal-75 anniversarju tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali;
* fl-1 ta' Novembru 1992 meta ġie nawgurat il-Monument lill-Qalbiena Mostin;
* fid-29 ta' Lulju 1993 meta ġie nawgurat l-ewwel kampnar restawrat tal-knisja tal-Mosta;
* fid-29 ta' Lulju 1996 fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-faċċata tar-Rotunda wara li tlesta mir-restawr tagħha;
* fit-2 ta' Jannar 2000 fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Millennju l-ġdid;
* fit-8 ta' Mejju 2001, meta l-poplu Mosti sellem lill-Papa Ġwanni Pawlu II fi triqtu lejn il-Fosos tal-Floriana fejn ibbeatifika l-ewwel tliet Maltin;
* fid-29 ta' Novembru 2001 meta fuq l-inizjattiva tal-President is-sur Nazzareno Vassallo, iż-żewġ Baned daqqew fis-sala prinċipali tal-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'Ġinevra;
* fis-27 t'April 2002 fl-okkażjoni tal-promozzjoni tat-tim tal-futbol tal-Mosta;
* fit-18 ta' Jannar 2003 fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni taċ-Ċentru għall-anzjani fil-Mosta;
* fit-8 ta' Diċembru 2003 meta l-Arċipriet Dun Mario Tong ħa l-Pussess tal-Parroċċa tal-Mosta;
* u l-aħħar waħda - u forsi l-aktar li laqtet l-għajn - seħħet fl-2005, meta fl-14 t'Awwissu ż-żewġ Baned għamlu l-marċ ta' lejliet il-festa flimkien - mexjin ħdejn xulxin wara l-istandardi taż-żewġ Soċjetajiet.



*Bandisti taż-żewġ Baned Mostin inagħqdu ma' l-Iskawts biex flimkien mal-poplu Mosti sellmu lill-Papa Ġwanni Pawlu II fit-8 ta' Mejju 2001.*
*(ritatt: Victor B. Caruana)*



*Mro. Paul Busuttil - Direttur tal-Banda Santa Marija - jidderieġi lill-bandisti taż-żewġ Baned Mostin waqt il-programm ta' mużika Maltija f'Ġinevra fid-29 ta' Novembru 2001.*
*(ritratt: Joseph V. Sammut)*

Dan kollu huwa ta' awgurju tajjeb għall-futur taż-żewġ Soċjetajiet. Filwaqt li kull Soċjetà tifraħ bis-suċċessi tagħha, hemm bżonn li noqogħdu attenti x'ngħidu u x'niktbu. Irridu ngħidu dejjem il-verità, anke meta ma tkunx daqstant sabiħa. Hemm bżonn li kliem bħal "l-aqwa" u "l-ikbar" jew "ugwaljanza" jinqatgħu mill-vokabularju tagħna. Importanti biss li kulħadd iżomm postu. Ħadd m'għandu jippretendi li min kien l-ewwel jagħmel ta' bir-ruħu li ġie t-tieni u jiċħad postu. Kif min ġie t-tieni ma jistax jgħid li kien l-ewwel. Dan jgħodd għal kulħadd - sew għad-diriġenti taż-żewġ Soċjetajiet kif ukoll għal min jorganizza xi attività bis-sehem tal-Baned.

Il-fatti juru li matul dawn l-aħħar għoxrin sena kien hemm diversi okkażjonijiet fejn iż-żewġ Soċjetajiet ikkoperaw flimkien. Nemmen li bir-rieda tajba għandna nkomplu f'din it-triq biex flimkien niffjorixxu u nagħmlu unur lill-Mosta tagħna.

**Noti u Referenzi:**

1 Il-Mosta, Nru. 119, p.3.

2 Għall-programm kollu ara: 'B'Tifkira ta' Twaqqif mill-Ġdid tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Mosta, wara 75 Sena, p. 24,25.

3 125 Sena mit-Twaqqif tal-Banda Nicolò Isouard fil-Mosta, 1871-1996, p. 26.

4 *Ex Annalibus Mustae*, p. 19.

5 Id-dar ta' Gerit tal-Biskuttini kienet faċċata tat-taraġ tal-ġenb taz-zuntier fuq in-naħa tal-kampnar tal-qanpiena l-kbira. Fiha Gerit kienet tgħix flimkien ma' żewġha u tnejn minn uliedha bil-familji tagħhom b'kollox. It-tliet familji f'salt kienu jlaħħqu sittax-il persuna. Kellha post fejn taħdem il-ħelu u s-sala ta' fuq kienet tinkera għat-tiġijiet.

6 Id-Dar 'Ta' Danjeli' kienet faċċata tal-Każin Santa Marija u kantuniera mal-Pjazza. Din id-dar kienet inxtrat minn Ġużeppi Grech (il-Paramount). Wara li twaqqgħet u flokha nbniet il-binja li naraw illum, instabet diffikultà biex jintrama l-vent tal-kuruna minn fuq il-bejt. Għalhekk madwar tmien snin ilu, il-kuruna bdiet tintrama f'nofs Triq il-Kungress Ewkaristiku fejn narawha llum.

7 *Ex Annalibus Mustae*, p. 16.

8 *Ex Annalibus Mustae*, p. 16.

9 Il-Mosta, Nru. 113, p. 12.

10 Dawn it-tnejn kienu: Alex Vella (President) u Manwel Gatt (Direttur tal-Każin).

11 Dawn l-erbgħa kienu: Ġużeppi Agius (Kaċwiel) li serva fil-Kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard għax'ar darbiet - fl-1958, 1959, 1970, 1971, 1972, 1973, 1978, 1979, 1980 u 1983; Joe Mangion (Il-Parell) li kien fil-Kumitat għal ħames snin - fl-1960, 1974, 1975, 1976 u 1977; Anthony Saliba li serva fil-Kumitat darbtejn: fl-1979 u 1980; Nazju Buhagiar li kien fil-Kumitat tal-Każin Nicolò Isouard fl-1979.

12 Dawn it-tnejn kienu: Victor Galea u Alfred Magri li sar Teżorier tal-Każin Santa Marija.

13 Dawn kienu: Joe Agius (PRO), Victor Grech (Segretarju) u Joe Falzon.

14 Il-Mosta, Nru. 113, p.12. Joe Agius jikteb hekk: Fis-sala prinċipali tal-Każin hemm ritratt tal-Kumitat ta' l-1943. Waqt li kien qed ifehemni min kienu, wieħed minnhom stess, qalli b'ton bejn biċ-ċajt u niket: "Min m'għadux fil-kumitat għax miet". Dan il-kumment huwa ndikazzjoni ċara li bejn l-1943 u l-1984, il-postijiet fil-Kumitat tal-Każin Santa Marija ma ġewx ikkontestati minn ħafna membri.

15 Joe Agius kien joqgħod bieb ma' bieb miegħi. Ġieli tkellimna dwar l-andament tal-każini. Ma kienx daqstant herqan li titwaqqaf il-Banda Santa Marija. Iżda ma kienx kontra. Kien jemmen bi sħiħ li l-każin għandu jkun Ċentru ta' Edukazzjoni u Kultura. Dan joħroġ ċar mill-artikli li bħala PRO tal-Każin Santa Marija kien jikteb fi 'Il-Mosta'. Bejn April 1985 u Ġunju 1986 Joe kiteb sitt darbiet fi 'Il-Mosta'. Ħafna drabi jagħmel enfasi fuq it-taħdidiet, il-wirjiet u l-attivitajiet kulturali oħra li kienu jiġu organizzati fil-każin. Imbagħad l-artikli fi 'Il-Mosta' bdew jinkitbu minn Victor Grech, is-Segretarju. Joe Agius ma ssemmiex aktar u miegħu ma ssemmewx aktar l-attivitajiet kulturali.

16 Il-Mosta, Nru. 113, p. 12.

17 Dawn huma s-sitt membri fil-Kumitat tal-Każin Santa Marija u ħdejn kull wieħed qed inġibu l-aħħar sena li ħallsu l-menswalità tagħhom fis-Soċjetà Nicolò Isouard: Alfred Magri (1985), Victor Galea (1985), Joe Mangion (1985), Nazju Buhagiar (1986), Anthony Saliba (1989) u Ġużeppi Agius li baqa' jħallas sa ma miet f'Diċembru 1996.

18 Tlieta minn dawn il-membri huma: Joe Muscat li baqa' jħallas il-menswalità tas-Soċjetà Nicolò Isouard sa l-1986, Joe Camilleri u Joseph Camilleri iehor li t-tnejn baqgħu jħallsu regolarment, sa din is-sena stess.

19 Il-Mosta, Nru. 115, p.11. Tlieta mill-membri kkooptjati kienu: Charlie Caruana, Raymond Bonavia u Charlie Debono li ma kellhom l-ebda rabta mal-Każin Nicolò Isouard. L-ieħor kien Nazzareno Vassallo li t-talba tiegħu biex jidħol membru fis-Soċjetà Nicolò Isouard ġiet aċċettata unanimament fis-seduta tal-kumitat tat-Tlieta, 5 ta' Novembru 1985. Huwa baqa' jħallas regolarment sakemm f'Jannar 2001, inħatar President tas-Soċjetà Nicolò Isouard.

20 Il-Mosta, Nru. 114, p. 3.

21 Ronnie Debattista kien jiġi jgħinni bħala assistent fil-banka tal-lottu fejn naħdem. Is-Sibt, 25 ta' Mejju 1985, Nazju Buhagiar ġie xi erba' jew ħames darbiet il-banka. Kull darba kien jistenna biex jikteb in-numri għand Ronnie u kull darba Nazju u Ronnie kienu jkollhom parlata minn taħt l-ilsien. Naturalment dawn l-inkontri għalija kienu jfissru xi ħaġa li la stajt nifhem u wisq anqas infissru. Nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju 1985, Mro. Ronnie Debattista ġie d-dar wara nofs inhar biex jgħidli li l-Kumitat tal-Każin Santa Marija offrewlu l-banka tal-lottu li kienu ser jifthu u d-direzzjoni tal-banda li kienu sejrin iwaqqfu. It-tnejn kienu marbuta ma' xulxin. Jew jaċċettahom it-tnejn, jew xejn. Malajr fhimt li s-Sibt ta' qabel Nazju Buhagiar kien qiegħed iwassal ir-risposti u kien qiegħed jagħmilha ta' messaġġier bejn il-Kumitat tal-Każin Santa Marija u Ronnie Debattista. Waqt li konna bit-tazza tal-wiski f'idejna, staqsejt lil Ronnie jekk kienx ser jaċċetta l-offerta. Qalli li iva, u awgurajtlu minn qiegħ qalbi waqt li rringrazzjajtu ta' kemm kien għenni fil-banka. L-aħħar darba li Ronnie ġie l-banka tiegħi kien is-Sibt, 8 ta' Ġunju 1985. Il-banka tal-lottu fil-Każin Santa Marija fetħet l-Erbgħa, 10 ta' Lulju 1985. Għall-ewwel kienet fuq isem il-mara ta' Ronnie u mbagħad daret fuq ismu.

22 Din l-ittra tikkonferma li l-istedina saret għat-12 t'Awwissu u mhux għat-13 t'Awwissu kif jgħid J.J. Camilleri fis-silta li kkwotajt fil-bidu ta' dan l-artiklu. Dwar is-sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet, tajjeb li jingħad li skond il-Programm tal-Festa ta' Santa Marija għas-sena 1985, id-dilettanti tan-nar tal-Każin Santa Marija kellhom jaharqu nhar l-10 t'Awwissu. Infakkru wkoll illi l-Banda Nicolò Isouard fit-13 t'Awwissu tasal ħdejn il-Każin Santa Marija għall-ħabta ta' nofs il-lejl. Żgur li f'dak il-ħin ma jkunx hemm ċelebrazzjonijiet oħra għajr il-marċ tradizzjonali. Barra minn hekk, is-sena ta' qabel, jiġifieri fit-13 t'Awwissu 1984, il-biċċa l-kbira ta' dawk li rrefera għalihom is-Segretarju f'din l-ittra kienu qed jiċċelebraw, kif kienu jagħmlu s-soltu, mal-marċ tal-Banda Nicolò Isouard. Għalhekk ir-raġuni propja għala l-Kumitat xtaq jibdel id-data tar-riċeviment, tibqa' mistoqsija mingħajr tweġiba.

23 Louis Camilleri kien idoqq it-trumbun u Joe Spiteri li kien idoqq is-saksofon ikkonfermaw li Nazju Buhagiar tal-Każin Santa Marija kien ħajjarhom biex jibdew idoqqu mal-Banda Santa Marija meta din titwaqqaf. Kien hemm oħrajn li wkoll ġew avviċinati, fosthom tliet bandisti anzjani li sa din is-sena stess għadhom mal-Banda Nicolò Isouard u jdoqqu kurunetta, saksafon u baxx rispettivament. F'każ minnhom kien intqal li anke Ġużeppi Agius għamel l-istess bħal Nazju Buhagiar.

24 Din l-ittra tikkonferma li l-kelma 'fieraħ' intużat b'referenza għal kliem dwar rapporti ġenwini fl-ittra tad-9 Lulju 1985 u mhux għall-istedina nnifisha, kif jgħid JJ Camilleri fis-silta li kkwotajt.

25 Għalkemm il-President tal-Każin Santa Marija kiteb li ma wegħdux flus lill-bandisti, fil-verità jirriżulta li fost dawk li qasmu mill-Banda Nicolò Isouard għall-Banda Santa Marija kien hemm min tħallas. F'Lulju 1986, jiena kont mistieden f'okkażjoni familjari fejn kien hemm ukoll bandist anzjan li fl-1985 kien idoqq mal-Banda Nicolò Isouard u mill-Ġimgħa l-Kbira ta' l-1986 beda jdoqq mal-Banda Santa Marija. Fil-preżenza tiegħi qal: "għamilt aktar minn erbgħin sena ndoqq mal-Banda Nicolò Isouard u qatt ma tawni sold. Imbagħad daqqejt darba mal-Banda Santa Marija u ħallsuni tajjeb".

26 Mill-korrispondenza li ppubblikajt f'dan l-artiklu joħroġ ċar li l-frażi "serq ta' bandisti" qatt ma ntużat fil-korrispondenza bejn iż-żewġ soċjetajiet. Din hija frażi iebsa li kitibha JJ Camilleri fis-silta li kkwotajt fil-bidu ta' dan l-artiklu, forsi biex isaħħaħ il-punt tiegħu dwar id-diżgwid bejn iż-żewġ Każini.

27 Fil-bidu tas-snin sebgħin il-marċ tat-13 t'Awwissu kien jieħu r-rotta tal-puċissjoni ta' Santa Marija. Meta l-marċ kien jasal biex minn Triq Gafà joħroġ għal Triq il-Kungress Ewkaristiku, il-bandisti kienu jimxu 'l fuq fi Triq il-Kungress Ewkaristiku u jmorru d-dar tal-Maġġur Joseph Vella fejn kien isirilhom trattament tal-

festa. Imbagħad il-marċ kien ikompli minn quddiem id-dar tal-Maġġur Vella għall-Pjazza. Għall-ħabta ta' nofs is-snin sebgħin, wara li kienet infetħet Triq Anġlu Gatt, il-marċ kien jibqa' tiela' fi Triq Cassar, idur minn Triq Anġlu Gatt, u jiġi quddiem id-dar tal-Maġġur Vella fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Aktar tard il-marċ beda jsir minn Triq Valletta u jinżel tul Triq il-Kungress Ewkaristiku bil-waqfa tas-soltu għand il-Maġġur Vella. L-aħħar darba li l-Banda Nicolò Isouard kienet ġiet mistiedna għand il-Maġġur Vella kien fit-13 t'Awwissu 1984. Il-Maġġur Vella, bħala Membru Onorarju tas-Soċjetà Nicolò Isouard, baqa' jgawdi r-rispett sa mewtu li ġrat f'Marzu 1987. Delegazzjoni mis-Soċjetà akkumpanjati bl-istandard tas-Soċjetà kienet ħadet sehem fil-funeral tiegħu u nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Mejju 1987 saret Quddiesa fil-Każin b'suffraġju għal ruħu. Għal din il-Quddiesa kienu ġew mistiedna jattendu l-familjari tiegħu.

[28] *Ex Annalibus Mustae*, p. 20.

[29] 'B'Tifkira ta' Twaqqif mill-Ġdid tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Mosta, wara 75 Sena, p. 17, Il-Mosta, Nru. 119, p. 2.

[30] Dawn huma t-tmien eks-bandisti tal-Banda Nicolò Isouard li daqqew mal-Banda Santa Marija fit-28 ta' Mejju 1986, fl-ewwel deħra tagħha fil-pubbliku: Ċensu Galea (tanbur) - spiċċa minn bandist għall-ħabta ta' Settembru 1956 wara assenza twila mis-servizzi tal-Banda Nicolò Isouard; Raymond Grech (klarinett) - m'attendiex aktar għas-servizzi tal-Banda Nicolò Isouard għall-ħabta ta' Lulju 1980; Salvu Tanti (ewfonju) ma ġiex aktar għas-servizzi tal-Banda Nicolò Isouard lejn l-aħħar tas-sena 1980; Nenu Camenzuli (kurunetta) u Paċik Fenech (klarinett) - it-tnejn spiċċaw mill-Banda Nicolò Isouard b'deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-1 ta' Ġunju 1981; Ġorġ Tonna (klarinett) - l-aħħar servizz li attenda mal-Banda Nicolò Isouard kien fil-Ġimgħa l-Kbira ta' l-1 t'April 1983; Frans Buttigieg (kurunetta) - spiċċa minn bandist b'deċiżjoni tal-Kumitat tat-28 ta' Ġunju 1983; Philip Borg (kornu) - l-aħħar servizz li attenda mal-Banda Nicolò Isouard kien dak tal-Vitorja fin-Naxxar fis-7 ta' Settembru 1985.

[31] L-istatut tas-Soċjetà Nicolò Isouard jagħmilha ċara li l-bandisti tal-post ma jistgħux jitħallsu. Il-bandisti kellhom id-dritt li fis-Soċjetà Nicolò Isouard jikkmandaw huma u għalhekk huma weħidhom kienu jaħtru l-Kumitat biex imexxi lis-Soċjetà. Dan il-fatt irrefera għalih il-President tal-Każin Santa Marija - Alex Vella - fl-ittra tiegħu tad-29 ta' Lulju 1985 meta qal li l-bandisti tagħhom m'għamluhomx propjetarji tal-Każin.

[32] Minuti tal-Laqgħa tal-Kumitat tas-Soċjetà Nicolò Isouard tat-2 ta' Settembru 1985.

[33] Minn fost il-bandisti li ma baqgħux idoqqu mal-Banda Nicolò Isouard kien hemm dawn it-tlieta li marru jdoqqu mal-Banda Santa Marija: Mario Bugeja (klarinett) - l-aħħar servizz li attenda mal-Banda Nicolò Isouard kien fil-festa ta' Santa Marija, fl-Imġarr, fis-16 t'Awwissu 1986; Mark Attard (kurunetta) - l-aħħar servizz li ta lill-Banda Nicolò Isouard kien waqt il-kunċert tad-29 t'Ottubru 1986.
Insemmu wkoll li Lorry Attard (kurunetta) li bħala bandist tal-post mal-Banda Nicolò Isouard ta l-aħħar servizz tiegħu fil-festa ta' San Pawl, f'Ħal Safi, fit-30 t'Awwissu 1998. Imbagħad kompla jdoqq mal-Banda Santa Marija.

[34] Għalkemm numru konsiderevoli ta' bandisti telqu mill-Banda Nicolò Isouard matul is-snin u x'uħud minnhom issieħbu fil-Banda Santa Marija, il-Banda Nicolò Isouard irnexxielha żżomm numru stabbli ta' bandisti tal-post. Ir-reġistri juru dawn il-bandisti fis-snin li tkellimna dwarhom: 1983 - 28 bandist; 1984 - 29 bandist; 1985 - 29 bandist; 1986 - 31 bandist; 1987 - 28 bandist. Dawn il-figuri juru li l-post ta' dawk il-bandisti li telqu ttieħed minn allievi ġodda. Illum il-Banda Nicolò Isouard għandha 49 bandist tal-post reġistrati magħha.

**Ħajr:** Lis-sur Arthur Zammit, Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, għall-permess biex nagħmel ir-riċerki fl-arkivji tas-Soċjetà.




